MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 150/1990/1

**Pierre Abela**

**v.**

**Joseph Depares**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li in forza taghha, wara li ppremetta illi
"Peress illi l-attur kien inkarigat mill-konvenut biex jesegwixxi xoghol tal-gebel madwar il-Villa ta' l-istess konvenut fi plot A, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex;

"Peress illi wara li l-attur ezegwixxa dan ix-xoghol il-perit tal-konvenut kejjel ix-xoghol u hareg kont ta' disa' mija u hamsa u disghin lira maltija, tnejn u erbghin centezmu u disa' millezmi (Lm995.429) f'Ottubru 1989;

"Peress illi interpellat diversi drabi biex ihallas ghax-xoghol fuq imsemmi il-konvenut baqa' inadempjenti;

"Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti:

"1. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas is-somma ta' disa' mija u hamsa u disghin lira maltija, tnejn u erbghin centezmu u disa' millezmi (Lm995.429), prezz ta' xoghol tal-gebel maghmul madwar il-Villa tal-konvenut u dan skond kont mahrug mill-perit tal-istess konvenut;

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-6 ta' Novembru 1989, ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Dicembru 1989 u bl-imghax legali mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv;

"Il-konvenut huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. Illi l-ammont mitlub mill-attur m'huwiex dovut billi dan gie pacut bil-penali ghad-dewmien dovuta mill-attur lill-konvenut taht l-istess ftehim ta' appalt datat 8 ta' Awissu 1988 ezebit bhala Dok A mac-citazzjoni, liema penali teccedi l-ammont reklamat mill-attur.

"2. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li in forza taghha, wara li ppremetta illi:
"Billi skond l-istess ftehim ta' appalt tat-8 ta' Awissu 1998, fuq imsemmi, l-attur obbliga ruhu li jlesti x-xoghol miftiehem sal-31 ta' Dicembru 1998, taht penali ta' ghoxrin lira kull jum ta' dewmien.

"Billi fil-fatt ix-xoghol tlesta biss ghall-habta ta' Novembru 1989 cirka, u ghalhekk l-attur dahal fil-penali minhabba dewmien;

"Jghid l-istess attur ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

"1. tistabbilixxi d-data meta l-attur lesta x-xoghol ta' appalt inkarigat lilu mill-konvenut skond il-ftehim tat-8 ta' Awissu, 1988;

"2. tillikwida l-penali dovuta ai termini tal-istess ftehim tad-dewmien kif fuq inghad;

"3. tikkundanna lill-istess attur ihallas lill-esponent konvenut is-somma hekk likwidata in linea ta' penali ai termini tal-ftehim ta' appalt."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Preliminarjament illi l-kontro-talba tal-konvenut hija nulla u bla effett stante li n-Nota tal-eccezzjonijiet li maghha saret il-kontro-talba hija nulla peress illi ma hiex iffirmata la mill-avukat u lanqas mill-prokuratur legali kif jitlob l-artikolu 178 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

"2. Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-kontro-talba hija nulla u bla effett stante li n-Nota tal-eccezzjonijiet li maghha saret il-kontro-talba ma ghandhiex prezentata maghha id-dikjarazzjoni mitluba mill-artikolu 158 (4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

"3 Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, il-pretenzjoni tal-konvenut ma tistax tifforma bazi ghal rikonvenzjoni f'din il-kawza stante li ma jirrikorru l-ebda wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

"4. Bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, fil-meritu l-eccipjenti mhux talli ma kiser bl-ebda mod il-ftehim tat-8 ta' Awissu, 1988 talli lesta x-xoghol kollu kif miftiehem u di fatti thallas "a saldu" mill-konvenut;

"5. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia` moghtija, l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut jew mhux dovut kollu billi r-rati tal-ftehim u l-kont mahrug mill-perit jeccedi r-rati legali ffissati b'ligi"

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-5 ta' Ottubru 1992, fejn gew michuda l-ewwel tlett eccezzjonijiet sollevati mill-attur fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April 2004, li in forza taghha ddecidiet il-meritu tal-kawza billi:
"Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddecidi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoniet tal-konvenut u t-talba rikonvenzjonali tal-istess konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' disa' mija u hamsa disghin lira Maltin, tnejn u erbghin centezmu u disa' millezmi (Lm995.42,9), bl-imghax kif mitlub.

"Spejjez kollha ghall-konvenut."

Illi dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Mill-provi rrizulta li l-attur kien gie nkarigat mill-konvenut sabiex jezegwixxi xoghol ta' gebel u bini f'bicca art propjeta' tal-konvenut fi Plot A, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex. Kien sar ftehim bil-miktub bejn il-partijiet (a fol. 4A) fejn fost affarijiet ohra gew stabbiliti r-rati li bihom kellu jithallas l-attur wara li x-xoghol ikun gie debitament imkejjel mill-perit ta' fiducja tal-konvenut u wara li dan ta' l-ahhar ikun hareg il-kont relattiv. Gew elenkati x-xoghlijiet li kellhom isiru u gie stabbilit li l-imsemmija xoghlijiet kelllhom jitlestew sal-31 ta' Dicembru, 1988. Fin-nuqqas li jitlestew entro dan it-terminu patwit il-kuntrattur kien obbligat li jhallas penali ta' Lm20.00 kuljum ghal kull gurnata ta' dewmien. Il-perit kellu johrog kont kull tlett xhur u l-konvenut kien obbligat ihallas 90% mill-valur ta' dan il-

kont. Il-bilanc ta’ 10% kien jinzamm mill-konvenut bhala ‘*retention money’* sabiex huwa jkun salvagwardjat ghall-eventwali problemi li jistghu jinqalghu sakemm jitlestew ix-xogholijiet u jinhareg il-kont finali.

“L-attur isostni li huwa thallas tax-xoghlijiet kollha salv ghall-ammont indikat fil-kont datat Ottubru 1989 (ezebit a fol. 10 et seq.) liema kont kien fl-ammont ta’ Lm995.42 u kien jirrigwarda xoghlijiet li huwa ghamel fil-parapett u fil-*boundary wall* tal-villa mibnija minnu fuq inkarigu tal-konvenut. L-attur isostni llli l-konvenut kien hallsu ghas-saldu ghax-xoghol rigwardanti l-bini tad-dar, inkluz ir-*retention money* u jghid li x-xoghol rigwardanti l-parapett kien kuntrattt ta’ appalt separat u kien gie miftiehem bejn il-partijiet wara li sar il-ftehim bil-miktub.

“Il-konvenut min-naha l-ohra jichad li sar ftehim separat u jirritjeni li x-xoghol ta’ bini tal-parapett kien kompriz fl-ewwel ftehim. Il-konvenut eccepixxa li l-ammont mitlub mill-attur ghandu jigi pacjut ma somma akbar dovuta lilu mill-attur bhala penali ghad-dewmien fit-tlestija tax-xoghlijiet fit-terminu patwit bejn il-partijet. |l-konvenut inoltre eccepixxa ulterjorment li l-ammont mitllub mill-attur m’huwiex dovut stante li r-rati ndikati fil-ftehim bejn il-partijiet u li abbazi taghhom inhargu l-kontijiet mill-perit ta’ fiducja tal-konvenut ma kienux ir-rati ffissati mill-ligi.

“Ikun opportun li l-ewwel tigi determinata din l-eccezzjoni ulterjuri.

**“L-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut (fol. 60).**

“Ir-rati li ghalihom jaghmel referenza l-konvenut huma dawk stabbiliti fl-Att XXXVI tal-1980 kif sussegwentement emendat bl-Att XIII tal-1983 u l-Att numru VI tal-1985, liema ligi tirregola l-prezzijiet tal-bini.

“L-espert tekniku, l-AIC David Pace, gie nkarigat jaghmel ezami akkurat tal-kontijiet mahruga mill-perit tal-konvenut in kwantu jirrigwarda x-xoghol ezegwit mill-attur u mbaghad jaghmel paragun bejn ir-rati ndikati fl-imsemmija

kontijiet u r-rati applikabbli skond l-imsemmija ligi. Dan l-ezercizzju fil-fatt sar u huwa elenkat b'mod dettaljat u akkurat fl-iskeda li tinsab annessa mat-tieni rapport tal-espert tekniku (a fol. 232 sa 234). Mill-paragun li ghamel l-espert tekniku rrizulta li d-differenza fil-kont maghmula mill-applikazzjoni ta' dawn ir-rati hija ta' elf mitejn disgha u tmenin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1,289.28) (fol. 234).

"Fir-relazzjoni tieghu l-espert tekniku jispjega li l-imsemmi Att kien mahsub sabiex jirregola l-prezzijiet tal-bini u l-prezzijiet tal-materji essenzjali li jintuzaw fil-bini izda jghid ukoll li wara ftit ta' zmien l-prezzijiet li kienu gew stabbiliti permezz ta' dan l-Att saru ghal kollox irrilevanti u ma baqghux jigu applikati jew utilizzati fis-suq tal-kostrruzzjoni, izda bhala stat ta' fatt il-ligi in kwistjoni ghadha *in vigore*.

"L-Artikolu 8(1) ta' dan l-Att jistabilixxi li fejn persuna tkun hallset prezz li jeccedi l-prezz stabbilit taht l-Att hija tista' titlob ir-rifuzjoni tad-differenza fil-prezzijiet. Din it-talba ghar-rifuzjoni trid issir quddiem tribunal specjali mwaqqaf permezz tal-istess Att. Is-subinciz (2) ta' dan l-Artikolu izda jipprovdi wkoll li tali talba ghar-rifuzjoni tad-differenza fil-prezzijiet trid issir fi zmien sentejn mid-data tal-ahhar pagament. Mill-provi rrizulta li l-ahhar pagament gie effetwat mill-konvenut fis-17 ta' Mejju, 1989.

"Kif diga' ntqal aktar il-fuq din il-kwistjoni giet sollevata mill-konvenut '*per via d'eccezzione*', anzi permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri li giet prezentata fit-2 ta' Lulju, 1992. Il-konvenut fil-fatt naqas milli jissolleva din l-eccezzjoni fin-nota tal-eccezzjonijiet prezentata minnu fit-28 ta' Marzu, 1990. Huwa naqas ukoll milli jitlob ir-rifuzjoni tad-differenza fil-prezzijiet in via rikonvenzjonali kif min-naha l-ohra ghazel li jaghmel in kwantu jirrigwarda l-ammont allegatament dovut lilu mill-attur bhala penali ghad-dewmien.

"Il-Qorti jidrilha li la darba li l-konvenut naqas milli juzufruwixxi mir-rimedji moghtija lillu mill-ligi sabiex jitlob ir-rifuzjoni tad-differenza fil-prezz bil-mod u fit-terminu

stabbilit mill-istess ligi huwa ma jistghax issa jissolleva din il-kwistjoni *'per via d'ecezzione'* f'dawn il-proceduri u f'dan l-istadju.

“Inoltre jrid jigi enfasizzat li l-konvenut accetta r-rati ndikati mill-attur meta ffirma l-kuntratt ta' appalt vigenti bejn il-partijiet u huwa stess iddikjara li kien accetta l-prezzijiet indikati mill-attur fl-istima minnu moghtija nonostante li dawn kienu aktar gholjin mill-prezzijiet indikati fi stimi ta' haddiehor peress li l-attur kien obbliga ruhu li jibda' u jlesti x-xoghol fi  zmien tlett xhur. Inoltre jrid ukoll jigi rilevat li l-konvenut hallas ammont sostanzjali mill-prezz tax-xoghlijiet maghmula mill-attur skond kif indikati fil-kontijiet li saru abbazi tar-rati miftehma u anki rrilaxxja r-*retention money*.

“Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi li l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut ghandha tigi michuda.

**“Il-kwistjoni tad-dewmien**

“Hemm qbil bejn il-partijiet li x-xoghlijiet effettivament ma tlestewx sal-31 ta' Dicembru, 1988, u cioe' id-data stipulata fil-kuntratt ta' appalt izda m'hemmx qbil fuq id-data meta x-xoghlijiet effettivament tlestew u rigward ir-ragunijiet ghad-dewmien.

“Il-konvenut jirritjeni li ma kien hemm ebda raguni ghala x-xoghlijiet ma kellhomx jitlestew entro t-terminu miftiehem bejn il-partijiet filwaqt li l-attur jirribatti li x-xoghlijiet ma setghux jitlestew sal-31 ta' Dicembru, 1988 u dan minhabba ragunijiet indipendenti minnu u precizament ghaliex huwa kien gie nkarigat mill-konvenut sabiex jaghmel sensiela ta' xoghlijiet li ma kienux inkluzi fil-ftehim u li rrendewha mpossibbli li x-xoghol jitlesta fid-data ndikata fil-ftehim.

“L-attur jispjega li huwa lesta x-xoghol principali, u cioe' dak li kien jirrigwarda l-kostruzzjoni tal-villa sat-23 ta' Marzu, 1989 u li kien hemm qbil li x-xoghol rigwardanti l-parapett u l-*boundary wall* isir wara li jitlesta xoghol iehor ta' *finish* li kellu jsir minn terzi. Il-konvenut min-naha l-ohra

jsostni li x-xoghol ta’ kostruzzjoni tal-villa tlesta ghal habta ta’ Ottubru 1989 u huwa ezebixxa sett ta’ ritratti (a fol. 134) bhala prova ta’ dan. Irid jinghad izda li l-konvenut ma kienx kapaci jispjega kif il-kont finali mahrug mill-perit tieghu in kwantu jirrigwarda l-kostruzzjoni tal-villa inhareg fis-27 ta’ April, 1989 mentri r-ritratt hu datat 18 ta’ April, 1989 u l-villa tidher ghadha mhiex lesta.

“F’dan ir-rigward il-Qorti hija ferm aktar propensa taccetta t-tezi tal-attur u cioe’ li x-xoghlijiet ta’ kostruzzjoni tal-villa kienu tlestew minnu sal-ahhar ta’ Marzu, 1989 u li kien biss ix-xoghol tal-parapett u tal-*boundary wall* li sar ghal habta ta’ Ottubru 1989, u dan ghaliex ma jistghax ikun li l-perit ta’ fiducja’ tal-konvenut iccertifika li tlesta’ x-xoghol ta’ kostruzzjoni tal-villa u hareg il-kont relattiv sitt xhur qabel ma tlesta’ x-xoghol. Huwa assolutament impossibbli li l-perit seta’ jkejjel xoghol li ma tlestiex. Fuq kollox huwa pjuttost inverosimili li l-konvenut kien ser jaccetta li jhallas kont, kif fil-fatt ghamel meta nhareg il-kont, rigwardanti xoghol li ma kienx tlesta’.

“Kif diga’ ntqal aktar il-fuq il-konvenut qieghed jinnega wkoll li huwa kien inkariga lill-attur jaghmel xi xoghlijiet addizzjonali li ma kienux inkluzi fil-ftehim bejn il-partijiet.

“Anki f’dan ir-rigward il-Qorti ma tarax ghalfejn m’ghandhiex temmen il-verzjoni tal-attur fir-rigward u dan pricipalment ghaliex il-perit ta’ fiducja tal-konvenut stess, u cioe’ l-perit li ssorvelja x-xoghlijiet, ikkonferma li saru diversi xoghlijiet addizzjonali mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut, liema xoghllijiet ma kienux inkluzi fil-ftehim bejn il-partijiet. Dan il-fatt gie accertat ukoll mill-espert tekniku nominat minn din il-Qorti li hejja skeda dettaljata ta’ dawn ix-xoghlijiet addizzjonali. Il-Perit Ray Demicoli kkonferma wkoll li d-dewmien fit-tlestija tax-xoghlijiet da parti tal-attur oltre l-31 ta’ Dicembru 1988 kien propju dovut ghal dawn ix-xoghlijiet addizzjonali li l-attur kien gie nkarigat jaghmel mill-konvenut u l-Qorti ma tarax ghalfejn m’ghandhiex taccetta din it-tezi, li hija konfermata mill-espert tekniku minnha nominat. Dan irritjena li meta wiehed jikkunsidra x-xoghlijiet addizzjonali li l-attur gie nkarigat jaghmel u l-hmistax il-gurnata ‘*grace period’* koncess lill-attur skond il-

kuntratt, il-perijodu li fih tlestew ix-xoghlijiet principali, u cioe' dawk konnesssi mal-kostruzzjoni tal-villa, iz-zmien li ha l-attur sabiex lesta x-xoghllijiet ghandu jitqies bhala ragjonevoli u accettabbli.

"In kwantu jirigwarda x-xoghol fil-parapett u l-*boundary wall*, kien il-konvenut stess illi nterrompa lill-attur milli jkompli dawn ix-xoghlijiet qabel ma jitlestew xoghlijiet ohra minn terzi u ghalhekk huwa zgur ma jistghax isostni li dawn ix-xoghlijiet ma tlestewx entro t-terminu patwit minhabba xi raguni mputabbli lill-attur. Il-konvenut fil-fatt ikkonferma li huwa kien inkariga lill-attur jaghmel ix-xoghol tal-parapett u tal-*boundary wall* wara li jitlesta' x-xoghol ta' *finish* fil-villa.

"Jirrizulta ghalhekk li d-dewmien ma kienx imputabbli lill-attur u  konsegwentement il-konvenut ma jistghax jinvoka l-klawsola fejn hemm stipulata penali ta' Lm20.00 kuljum ghad-dewmien."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut;

Rat ir-risposta ta' l-attur Joseph Depares;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta f'din il-kawza li l-attur kien gie inkarigat mill-konvenut jaghmel xoghol ta' gebel madwar il-villa ta' l-istess konvenut fi Triq l-Imradd, Ta' Xbiex.  L-attur esegwixxa dan l-inkarigu u qed jitlob hlas skond kif icceritifika l-perit inkarigat mix-xoghol a bazi tar-rati miftehma minn qabel bejn il-partijiet.  Il-konvenut oppona t-talba fuq zewg ragunijiet:

(i) li r-rati ta' hlas miftehma kienu kontra l-ligi; u

(ii) f'kull kaz, kien hemm dewmien fl-ezekuzzjoni ta' l-appalt u l-ammont mitlub mill-attur ghandu jigi pacut bil-penali ghad-dewmien fit-termini tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet.

L-ewwel Qorti cahdet iz-zewg lanjanzi tal-konvenut u laqghet it-talba attrici. Il-konvenut hassu aggravat b'dik is-sentenza u interpona appell fejn bazikament qed jerga' jsostni z-zewg eccezzjonijiet li hu ressaq biex jirribatti t-talba attrici.

Fuq l-ewwel kwistjoni, ir-riferenza hija ghall-Att XXXVI tal-1980, kif sussegwentement emendat, li jirregola l-prezzijiet tal-bini. Din il-ligi taghmilha cara li l-hlas li parti jista' jitlob ghax-xoghol ta' bini ghandu jkun biss dak stabbilit skond dak l-istess Att. Fil-fatt, skond l-espert tekniku nominat mill-ewwel Qorti, il-prezzijiet li gew stabbiliti permezz ta' dak l-att, wara ftit zmien, saru ghal kollox irrilevanti u ma baqghux jigu applikati jew utilizzati fis-suq tal-kostruzzjoni peress li mhux kunsidrati bhala li jirrispekkjaw ir-realta` tas-suq. Fil-fatt, il-prezzijiet tax-xoghol ta' konkos u gebel gew iffissati b'Avviz Legali 72 tal-1980, u sal-lum ma harget ebda emenda ghall-prezzijiet stabbiliti f'dak l-avviz legali. Jibqa' l-fatt, pero, li dik il-ligi ghadha in vigore.

It-thaddim ta' dik il-ligi gie diskuss minn din il-Qorti fil-kawza **"Borg v. Borg"** deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997. Il-kummenti ta' din il-Qorti f'dik il-kawza sejrin jigu riprodotti peress li ghandhom rilevanza anke ghal din il-kawza. Din il-Qorti kienet qalet hekk fil-kuntest ta' dik il-ligi:
"L-oggezzjoni procedurali tirrigwarda l-mument meta l-appellant issolleva din il-kwistjoni. Jinghad qabel xejn li l-Att Dwar il-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini, – il-Kap. 288 – fl-Artikolu 8(1) jipprovdi li ghandu jkun hemm tribunal li jkun maghruf bhala t-Tribunal ghall-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini li jkollu gurisdizzjoni li jeddeciedi talbiet u kwistjonijiet ohra dwar kull haga li tolqot il-prezz li ghandu jithallas u kull hlas lura li jkollu jsir, skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Dan hu allura Tribunal imwaqqaf b'kompetenza specjali – mhux necessarjament – biex jiehu konjizzjoni ta' kull kwistjoni li tolqot il-prezzijiet tal-bini stabbiliti b'avviz legali skond il-Kap. 288. Dan ifisser illi min – bhall-appellant – jinvoka l-protezzjoni ta' dan l-Att kien obbligat li jadixxi lil dan it-Tribunal, kif effettivament jirrizulta li kellu hsieb li jaghmel il-konvenut skond ma hu stess ivverbalizza fl-atti tal-kawza imma li ma jirrizultax illi sal-lum hekk ghamel. Ma jfissirx illi l-provvedimenti ta' dan l-Att setghu jew kellhom jigu invokati u applikati mill-Qrati ordinarji. Ghalkemm mhux eksluz li l-Qrati ordinarji seta' jkollhom kompetenza biex jiddeliberaw u jiddeciedu dwar kwistjonijiet rigwardanti l-prezzijiet tal-bini u l-hlas ghax-xoghol ta' kostruzzjoni – materji dawn da verificare kieku nghatat eccezzjoni f'dan is-sens – il-qrati ordinarji ma setghux, la sua sponte u lanqas jekk hekk mitluba li jaghmlu, japplikaw il-provvedimenti ta' dak l-Att u d-drittijiet fihom eradikati, ghax dawn huma <u>eskluzi</u> mill-gurisidzzjoni taghha.

Kull min allura jinvoka l-protezzjoni ta' l-Att dwar il-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini kellu necessarjament – jekk imharrek – jaghti l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tal-qrati ordinarji ta' dik il-vertenza. Eccezzjoni din li ghandha tigi sollevata in limine litis."

Anke f'din il-kawza, il-konvenut appellant ma ressaqx l-eccezzjoni tieghu *in limine litis* u kif qalet din il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, tali eccezzjoni, li hi ta' natura dilatorja, mhix ammissibbli jekk ma tinghatax fil-bidu tal-kawza.

Din il-Qorti tosserva wkoll li, qabel ma naghatat dik is-sentenza minn din il-Qorti, il-Qorti tal-Kummerc, fil-kawza **"Bugeja v. Agius et"**, deciza fis-27 ta' Gunju 1989, kienet ikkonkludiet li bl-agir tal-konvenuti li jissottomettu ruhhom ghall-gurisdizzjoni tat-tribunal ordinarju, huma jigu li rrinunzjaw ghall-gurisdizzjoni tat-Tribunal imwaqqaf b'dak l-Att mahsub biex jikkontrolla l-prezzijiet tal-bini. F'dan il-kaz ukoll il-konvenut accetta u ssottometta ruhu ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji, u kien biss permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri, wara li kien gia`

ssottometta ruhu ghall-gurisdizzjoni tal-Qorti, li ttenta jwaqqaf l-iter procedurali b'riferenza ghall-att in kwistjoni.

Kwindi, dan l-ilment tal-konvenut mhux misthoqq u qed jigi michud.

Fil-kuntest ta' l-allegat dewmien jew twettiq ta' l-appalt da parti ta' l-attur, din il-Qorti taqbel ma' l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sens li ghalkemm dewmien kien hemm, dan hu dovut ghax-xogholijiet addizzjonali li l-attur gie mitlub jaghmel fil-kors ta' appalt. Din ic-cirkostanza giet ikkonfermata mill-perit tekniku nominat mill-Qorti, kif ukoll mill-istess perit tal-konvenut li kkonferma li, wara li sar il-ftehim bejn il-partijiet, l-attur gie mitlub jaghmel xoghol addizzjonali, fuq rikjesta tal-konvenut, u d-dewmien fl-esekuzzjoni ta' l-appalt kien proprju dovut ghal dawn ix-xogholijiet addizzjonali. Parti fuq ftehim ma jistax jinsisti fuq hlas ta' penali miftiehem ghal kaz ta' dewmien, meta kien hu stess li ta lok ghal dak id-dewmien. Il-perit tekniku kkonkluda wkoll li, mehud kont tax-xoghol addizzjonali rikjest mill-attur, iz-zmien li ha l-attur sabiex lesta x-xogholijiet kien wiehed ragjonevoli u accettabbli. Ebda imputazzjoni ma tista', ghalhekk, tigi mressqa fil-konfront ta' l-attur fil-kuntest taz-zmien li ttiehed ghat-twettiq ta' l-appalt, u r-riklam tal-konvenut ghall-hlas ta' xi penali hi, allura, barra minn lokha u qed tigi michuda.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-appell interpost mill-konvenut qed jigi michud, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------